MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2014

Mandat Numru. 678/2014/1

**Joseph Mamo f'ismu proprio u fil-kwalita tieghu**

**ta' amministratur ta' blokk appartamenti bin-numru**

**183 Rudolph Street, Sliema, Marthese Mamo,**

**Patrick Caruana Dingli, Elena Caruana Dingli,**

**Anthony Cremona, Blanche Cremona,**

**Stephen Urpani, Jacqueline Urpani, Joseph Cassar,**

**Anna Cassar, Roberto Bugeja, Daniela Bugeja,**

**Jeremy Castillo, Eva Penny Castillo, u Helja Marjut Fells**

**vs**

**Fiorentina Darmania Jochimsen**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tal-5 ta' Mejju 2014 kontra l-intimata sabiex ma tibqax taghmel uzu minn sistema ta' camera surveillance istallata fil-bieb komuni ta' barra u partijiet ohra komuni tal-blokka ta' appartamenti li fiha jirrisjedu l-kontendenti u dan peress illi gie istallat minghajr il-kunsens tal-proprjetari l-ohra tal-blokka u tikkostitwixxi vjolazzjoni kontinwa u irrimedjabbli tad-dritt ta' privatezza;

Rat ir-risposta tal-intimata li qalet li mhix il-legittimu kontradittur billi hi ma istallat ebd sistema ta' camera surveillance, izda dan sar minn zewgha li jikri kamra mill-appartament, proprjeta parafernali taghha, u li istalla din is-sistema accessibbli biss minn din il-kamra li ghaliha ma ghandhiex access. Ziedet li ma qed isir ebda ksur ta' dritt u ma hu qed jigi krejat ebda pregudizzju irrimedjabbli;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti

ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak;  inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Bhala fatt jidher illi din il-camera taghti ghal fuq il-bieb ta’ barra komuni tal-blokk ta’ appartamenti li fih jirrisjedu l-kontendenti. Hemm camera wkoll fuq gewwa tal-bieb li turi biss min dahal fl-intrata tal-blokk pero ma testendix sal-bieb l-iehor xi zewg metri l-gewwa li jaghti access ghad-diversi appartamenti fil-blokk.

Jibda biex jinghad li mhix difiza ghall-intimata li tghid li hi kriet kamra mill-appartament taghha lil zewgha li fih istalla l-parti tas-surveillance camera li minnha jista’ jara min hemm wara l-bieb principali tal-blokka appartamenti. Semmai bhala sid ghandha l-obbligu li l-inkwilin ma jaghmel xejn li bih jista’ jostakola jew jivvjola drittijiet ta’ terzi fil-blokka appartamenti u ghalhekk fil-konfront tas-sidien l-ohra fil-blokka hi ghandha obbligi li ma tistax tahrabhom billi titfa’ r-responsabbilta fuq l-inkwilin.

Irid jigi stabbilit id-dritt prima facie ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni. Ir-rikorrenti jghidu li ma tawx permess li tigi istallata din il-camera. Dan wahdu ma jikkostitwix dritt billi l-camera taghti ghat-triq u tirrekordja persuni li dehlin fil-blokk minghajr ebda intruzjoni ulterjuri fuq l-appartamenti hlief ghall-ewwel parti tal-intrata komuni li jindika d-dhul ta’ persuna fil-blokk appartamenti. Id-dritt allegatament ivvjolat b’din il-camera hu dik tal-privatezza tas-sidien tal-blokk. Dan id-dritt ma jisbx ebda korrispettiv fil-ligi ordinarja stante li l-Kapitolu 440 dwar id-data protection u l-Ligi Sussidjarja 440.1 ma jinkwadrawx ruhhom fl-uzu ta’ surveillance camera. Ghalkemm hemm id-dritt tal-privatezza sancit fil-Kostituzzjoni, il-parametri ta’ tali dritt ma jinkwadrawx ruhhom f’vertenza simili bejn partijiet privati.

Il-Qorti pero tqis illi bil-fatt innifsu illi l-camera qed tirrekordja d-dhul u hrug tal-okkupanti tal-blokka dan jista' jikser id-dritt tal-buon vicinat protett skond il-gurisprudenza nostrana u dan hu dritt li skond ir-rikorrenti qed jinkiser bl-intruzjoni ta' din il-camera li tqis id-dhul u hrug taghhom u l-azzjonijiet taghhom ta' terzi li jistghu jidhlu fil-proprjeta bil-permess taghhom. Il-Qorti mhix taghti ragun lir-rikorrenti ghax bl-istess kejl jista' jinghad illi l-camera hi forma ta' sigurta ghall-residenti fil-blokka. Pero mehuda fil-perspettiva tad-dritt prima facie li jehtieg li jigi ppruvat f'dan l-istadju, il-Qorti hi propensa li taccetta li jista jkun qed jinkiser id-dritt tal-buon vicinat fejn diversi persuni jghixu fl-istess blokk bini u wiehed qed jagixxi b'tali mod li dan il-buon vicinat mhux jigi rispettat.

In kwantu ghal pregudizzju irrimedjabbli pero, din il-Qorti issibha difficli tipprospetta fattwalment l-ipotesi li jekk il-mandat ma jinharigx ser jigi rekat dannu lir-rikorrenti li ma jistax jigi rimedjat. Wara kollox kif din il-Qorti anki diversament preseduta dejjem sostniet, dan ir-rimedju hu wiehed ta' natura eccezzjonali li ghandu jigi uzat b'mod cirkoskritt u bi prudenza kbira. Ma saret ebda prova li qed jew ser jigi krejat dannu li decizjoni fil-mertu ma tistax tirrattifika jew issolvi. L-inkonvenjent u d-disturb wahedhom ma hix gustifikazzjoni b'sahhitha bizzejjed ghal hrug tal-mandat izda jrid jigi ppruvat dannu fattwali li minn natura tieghu, jekk ma jigix mizmum ser ikun irrimedjabbli b'azzjonijiet ohra.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti tqis illi ma giex ippruvat l-irrimedjabilita tal-pregudizzju rikjest ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-5 ta' Mejju 2014, u tichad it-talbiet tar-rikorrenti. Spejjez ghar-rikorrenti.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------